

*Konvenuti:* Tugdual Carluer, Yann Latouche, Dominique Legeard, Thierry Leleu, Dimitri Pinschhof, Brigitte Plunian, Rozenn Marechal

### Domandi preliminari

- 1) Ir-Regolament Ewropew Nru 1107/2009 <sup>(1)</sup> huwa konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni meta jonqos milli jiddefinixxi preċiżament x'jikkostitwixxi sustanza attiva u jħalli lill-applikant jagħżel dak li huwa jiddeskrivi bħala sustanza attiva fil-prodott tiegħu u jħallilu l-possibbiltà li jorjenta l-fajl tal-applikazzjoni tiegħu kollu fuq sustanza unika minkejja li l-prodott finali kkommerċjalizzat jinkludi diversi sustanzi?
- 2) Il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-imparzjalità tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni huma żgurati meta t-testijiet, l-analiżijiet u l-evalwazzjonijiet neċessarji għall-kumpilazzjoni tal-fajl jitwettqu biss mill-applikanti li jistgħu jkunu parzjali fil-preżentazzjoni tagħhom, mingħajr ebda kontroanaliżi indipendenti?
- 3) Il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-imparzjalità tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni huma żgurati mingħajr pubblikazzjoni tar-rapporti tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni taħt il-pretest tal-protezzjoni tas-sigriet industrijali?
- 4) Ir-Regolament Ewropew Nru 1107/2009 huwa konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni meta ma jhux inkunsiderazzjoni li jkun hemm diversi sustanzi attivi u l-użu kumulattiv tagħhom, b'mod partikolari meta ma jipprevedi ebda analiżi speċifika kompleta fuq il-livell Ewropew tal-akkumulazzjoni ta' sustanzi attivi fl-istess prodott?
- 5) Ir-Regolament Ewropew Nru 1107/2009 huwa konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni meta fil-Kapitoli 3 u 4 tiegħu jeżenta mill-analiżijiet ta' tossiċità (ġenotossiċità, eżami ta' karċinoġeniċità, eżami tal-perturbazzjonijiet endokrinali ...), il-prodotti pestiċidi fil-formulazzjonijiet kummerċjali tagħhom hekk kif imqiegħda fis-suq u hekk kif il-konsumaturi u l-ambjent huma esposti għalihom, u jimponi biss testijiet sommarji li huma dejjem imwettqa mill-applikant?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, p. 1).

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Barcelona (Spanja) fis-16 ta' Frar 2018 – Marc Gómez del Moral Guasch vs Bankia S.A.

(Kawża C-125/18)

(2018/C 152/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia de Barcelona (Il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Barcelona, Spanja)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Marc Gómez del Moral Guasch

*Konvenuta:* Bankia S.A.

### Domandi preliminari

1. L-indiċi IRPH <sup>(1)</sup> Cajas, għandu jkun suġġett għal protezzjoni ġudizzjarja fis-sens li jiġi eżaminat jekk dan jinftehemx mill-konsumatur mingħajr ma jkun prekluż li jiġi rregolat minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi, inkwantu dan ma huwiex previst fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 <sup>(2)</sup> ġaladarba ma jirrigwardax dispożizzjoni obbligatorja iżda interess varjabbli u remuneratorju li jiġi inkluż b'mod fakultattiv mill-professjonist inkarigat mill-kuntratt?
2. 2.1 Konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, mhux trasposta fl-ordinament ġuridiku [Spanjol], il-fatt li qorti Spanjola tinvoka u tapplika l-Artikolu 4(2) tal-istess direttiva meta din id-dispożizzjoni ma ġietx trasposta fl-ordinament ġuridiku [Spanjol] fuq rieda tal-leġiżlatur, li kellu l-għan li jggarantixxi livell ta' protezzjoni sħiħa fir-rigward tal-klawżoli kollha li l-professjonist jista' jinkludi f'kuntratt sottoskritt minn konsumaturi, inklużi dawk li jħallu effetti fuq l-għan prinċipali tal-kuntratt – anki jekk ikunu ġew redatti b'mod ċar u li jinftehem, imur kontra d-Direttiva 93/13/KEE u l-Artikolu 8 tagħha?

2.2 Fi kwalunkwe każ, huwa neċessarju li tiġi trażmessa informazzjoni jew reklamar dwar il-fatti jew data li ġejjin, jew uħud minnhom, sabiex tintfiehmed il-klawżola essenzjali, b'mod speċifiku tal-IRPH?

(i) Spjegazzjoni ta' kif tiġi kkonfigurata r-rata ta' referenza, jiġifieri, informazzjoni dwar il-fatt li dan l-indiċi jinkludi l-kummissjonijiet u spejjeż oħra minbarra r-rata ta' interess nominali, li tirrigwarda medja sempliċi mhux ipponderata li l-professionist kellu jkun jaf filwaqt li kellu jikkomunika l-fatt li kellu japplika differenzjal negattiv u li d-data pprovduta ma hijiex pubblika, meta mqabbel mal-indiċi l-ieħor li jintuża abitwalment, Euribor?

(ii) Spjegazzjoni ta' kif dan l-indiċi evolva fil-passat u kif jista' jevolvi fil-futur, billi tintuża l-grafika fl-informazzjoni u fir-reklamar li tkun tispeġja b'mod ċar u li jintfiehmed lill-konsumatur l-iżvilupp ta' din ir-rata speċifika ta' rata meta mqabbel ma' Euribor, rata abitwalment użata tas-self b'garanzija ipotekarja.

2.3 Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu li teżamina n-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali u li għandha tislew il-konsegwenzi kollha konformement mad-dritt nazżjonali tagħha, jeħtieġ li ssir id-domanda li ġeja: in-nuqqas ta' informazzjoni ta' dawn l-elementi kollha jagħti lok għal nuqqas ta' fehim tal-klawżola inkwantu din ma tkunx ċara għall-konsumatur medju skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jew li l-ommissjoni ta' din l-informazzjoni tkun ekwiparabbli għal trattament żleali min-naħa tal-professionist u li, għaldaqstant, li kieku l-konsumatur kien informat korrettament huwa ma kienx jaċċetta r-rata ta' referenza tal-IRPH għas-self tiegħu?

3. Fil-każ li tiġi ddikjarata n-nullità tal-IRPH Cajas, liema miż-żewġ konsegwenzi li ġejjin tkun konformi mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 fin-nuqqas ta' fehim jew jekk ftehim kien jirriżulta li huwa iktar dannuż għall-konsumatur?

3.1 Emenda fil-kuntratt billi jiġi applikat l-indiċi ta' sostituzzjoni abitwali, l-Euribor, inkwantu dan ikun kuntratt essenzjalment ivvinkolat b'interess produttiv favur l-entità [li jkollha l-kwalità ta'] professionist?

3.2 It-tneħħija tal-interessi, bis-sempliċi obbligu li jitħallas il-kapital misluf fit-termini stipulati min-naħa tal-persuna li tislew jew mid-debitur.

<sup>(1)</sup> Índice de Referencia de Préstamos Hipotecarios (Indiċi ta' Referenza għal Self Ipotekarju).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fis-16 ta' Frar 2018 – A-PACK CZ, s.r.o. vs Odvolací finanční ředitelství**

(Kawża C-127/18)

(2018/C 152/23)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: A-PACK CZ, s.r.o.

Konvenuti: Odvolací finanční ředitelství

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 90(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(1)</sup> ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud jista' jiġi interpretat, fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fis-sens li jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu, permezz ta' leġiżlazzjoni derogatorja, kundizzjonijiet li, għal ċerti każijiet, jeskludu tnaqqis tal-ammont taxxabli fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas parzjali jew totali?